

# Ħal Qormi fiċ-Ċensiment ta' l-1861



Kitba ta' Dr. Joseph F. Grima

Fil-31 ta' Ottubru 1861 sar it-tielet ċensiment uffiċjali tal-gżejjer Maltin li minnu nisiltu bosta tagħrif li jagħtina ħjiel mhux ħażin dwar il-ħajja f'Malta b'mod ġenerali iżda wkoll dwar l-ibliet u l-irħula inkluż Ħal Qormi. Hawnhekk, irriduu nagħmluha ċara li ċensiment fis-sens modern m'huwiex biss l-għadd tan-nies f'data partikolari, iżda jinkludi wkoll tagħrif dwar aspetti/i ieħor/oħra li l-gvern tal-ġurnata jidhirlu li għandu jinkludi sabiex tinkiseb ċerta informazzjoni li b'xi mod tgħin fit-tmexxija tal-pajjiż u l-ippjanar għall-ġejjieni. Hawnhekk, se nqisu dan iċ-ċensiment kemmxejn fid-dettall biex nieħdu idea tajba ta' Ħal Qormi u niesu madwar seklu u nofs ilu.

## In-Numru ta' l-Abitanti

Ovvjament, l-ewwel ħaġa li tolqotna, fil-każ tagħna Ħal Qormi, hu n-numru ta' abitanti: 3128 raġel u 3069 mara għal total ta' 6197 ruħ li magħhom hemm inklużi raġel u tliet nisa barranin. Dan it-total ifisser li f'Ħal Qormi kien hemm jgħixu 4.62% mill-popolazzjoni totali tal-gżejjer maltin (134,055 persuna) li turi żieda kostanti fil-perċentwal ta' Qormin mill-1842 'il quddiem. Dan iċ-ċensiment jagħtina wkoll tagħrif dwar twelid, żwiġijiet u mwiet għas-snin 1859, 1860 u 1861 li minnu nisiltu dawn il-figuri:

**Twelid**

1859 118-il tifel u 140 tifla għal total ta' 258;
1860 138 tifel u 114-il tifla għal total ta' 252;
1861 130 tifel u 147 tifla għal total ta' 277.

**Żwiġijiet**

39 fl-1859; 37 fl-1860; u 59 fl-1861.

**Imwiet**

1859 74 raġel u 97 mara għal total ta' 153;
1860 60 raġel u 51 mara għal total ta' 111;
1861 57 raġel u 69 mara għal total ta' 126 li minnhom tliet nisa mietu bit-tifu filwaqt li żewġt irġiel u erba' nisa mietu bil-ġidri.

Mit-390 mewt ta' dawn it-tliet snin, l-akbar kawża tal-mewt kienet 82 każ ta' mard tat-trabi jew tat-tfal żgħar fiż-żmien meta kienu jaqsmu s-snien (hi mniżżla bħala *teething* fiċ-ċensiment), 49 każ ta' debbulizza, u 26 każ ta' gastrite/interite. It-tliet każijiet ta' tifu fl-1861 kienu riżultat tad-dħul ta' bastiment Eġizzjan fil-port f'April iżda l-marda ma nxterditx u numru ta' każijiet madwar Malta kien żgħir.

Fl-1861, f'Ħal Qormi kien hawn ukoll 47 ruħ (0.75% tal-popolazzjoni tar-raħal) li kellhom forma ta' diżabbiltà: tlett irġiel u tnax-il mara kienu għomja; raġel u żewġ nisa kienu mmankati; tlett irġiel kienu torox; żewġt irġiel u mara kienu muti u torox; tlett irġiel u sitt nisa kienu boloh (idjoti); raġel miġnun; tlett irġiel u tliet nisa kienu paralitiċi; u raġel u sitt nisa kellhom diżabbiltà oħra jew kienu senili. Dak iż-żmien, ftit kienu l-istituzzjonijiet li jieħdu ħsieb nies b'diżabbiltà u allura l-biċċa l-kbira minnhom kienu jieħdu ħsiebhom qrabathom f'darhom stess.

## Xogħol tal-Qormin

Importanti ħafna f'dan iċ-ċensiment hu l-elenku taċ-ċifri ta' Qormin li kienu jaħdmu bi qliegħ u li minnhom għandna lista sħiħa tal-professjonijiet, nies fil-kummerċ, fl-agrikoltura u fis-snajja' li kienu jeżistu f'Ħal Qormi. Tajjeb li wieħed jinnota wkoll il-fatt li kien hemm numru mhux ħażin ta' nisa ddikjarati li jaħdmu: 2035 raġel u 1497 mara. Inżidu li magħhom kien hemm 466 mara li xogħolhom kien biss tad-dar u allura tniżżlu bħala *females addicted to housewifery*. Apparti 23 qassis fil-parroċċa, l-elenku sħiħ hu dan li ġej.

Bħala proprjetarji ta' l-art kien hemm 85 persuna – 34 raġel u 50 mara. Taħt professjonijiet insibu total ta' 29 ruħ li tqassmu f'4 avukati, 3 tobba, 2 kirurġi, 2 qabla, 3 nutara, 4 impjegati governattivi, 6 pensjonanti governattivi, għalliema waħda, żewġ edituri/tipografi, inġinier ċivili wieħed, u *land surveyor* wieħed. Kollha kienu rġiel (26) ħlief għall-għalliema u l-qabla (3).

Taħt in-nies involuti fil-kummerċ insibu 724 persuna b'dan it-taqsim: negozjanti u kummerċjanti – 351 (196 raġel u 155 mara); impjegati f'linji merkantili – 18-il raġel; tal-ħwienet u l-assistenti tagħhom – 152 (73 u 79); bejjiegħa – 203 (114 u 89). Fis-settur agrikolu kien hemm involuti 672 persuna f'dawn ix-xogħlijiet: gabillotti proprjetarji – 24 (20

L-Għaqda Mużikali Anici ssellem u tferraħ

raġel u 4 nisa); gabillotti bil-kera – 78 (66 u 12); ġardinara – 50 (33 u 17); ħaddiema fl-għelieqi – 514 (312 u 202); ragħajja tan-ngħaġ u l-mogħoż – 4 (3 u 1); u tnejn imniżżlin taħt *sportsman* li probabbilment kienu kaċċaturi.

L-akbar figuri ta' nies jaħdmu, 1990 persuna, tniżżlu taħt snajja' u ħaddiema (*labourers*) li tqassmu kif se nsemmu u kienu rġiel ħlief fejn hu indikat: arluġġar wieħed; tliet induraturi; 57 mastrudaxxa inklużi l-lavranti ta' l-imgħallmin; 19-il ħaddied; żewġ skulturi u ħaddiema fil-ġebel; 172 bejn bennejja u kaħħala; 176 nisa ħajjatin; żewġ nisa li jaħdmu r-rakkmu; 7 nisa li jaħdmu l-bizzilla; 15-il ħajjat inklużi l-lavranti ta' l-imgħallmin; raġel li jikkonza l-ġlud (konzatur); 36 skarpan inlużi l-lavranti ta' l-imgħallmin; raġel jagħmel ix-xemgħa; 9 fix-xogħol tas-sigarri (3 irġiel u 6 nisa); żewġt irġiel li jdoqqu l-maħluġ tal-qoton (*cotton-beaters* bl-Ingliż); 178 mara li jobormu t-tajjar fi ħjut (magħruf ukoll bħala *magħżul*); 81 nissieġa tal-qoton (5 irġiel u 76 mara); 20 jagħtu l-kuluri lid-drapp (8 irġiel u 12-il mara); ħames pittaturi; erba' barbiera u jaqtgħu x-xagħar; 12-il biċċier; 10 jaħdmu l-basktijiet (8 irġiel u 2 nisa); 16 jagħmlu xogħol konness mat-tiben (2 irġiel u 24 mara); 56 seftur (17-il raġel u 39 mara); 10 nisa jaħslu u jgħaddu l-ħwejjeġ; mara li tgħaddi oġġetti pjuttost kbar tal-qoton jew ta' l-għażel, bħal dvalji jew lożor, permezz ta' makkinarju (bl-Ingliż dan il-ħaddiem jissejjaħ *mangler* u l-makkinarju *mangle*); kuċċier; kalessier; 184 iġorru bil-karettuni; 266 purtinar; 53 ġuvnott jaħdmu fis-suq; 60 taħħan (33 raġel u 27 mara); 33 furnata (*bakers*) – x'aktarx dulċiera jew b'xogħol simili fl-ifran (19-il raġel u 14-il mara); 486 għaġġiena tal-*paste* jiġifieri tal-ħobż (175 raġel u 311-il mara). It-tradizzjoni tal-ħobż kienet tassew ħajja f'Ħal Qormi għax dawn l-486 għaġġien/a Qormin kienu l-maġġoranza assoluta, jew 68.5%, mit-total tas-710 li kien hawn imxerrdin mal-gżejjer Maltin. In-numru mhux ħażin ta' ħaddiema tal-qoton hu indikattiv tal-qawmien temporanju ta' din l-industrija riżultat tal-Gwerra Ċivili Amerikana li diġà semmejna.

Fost l-irġiel insibu wkoll erba' pulizija u ħamsa oħrajn jaħdmu bid-dgħajsa u sajjieda. Ta' min isemmi li kien hemm 34 persuna (19-il raġel u 15-il mara) mniżżlin bħala *tabella bi professjoni – mendicants by profession* – iżda bi pjaċir ninnotaw li ma kienx hemm irreġistrati la prostituti u lanqas nies bla dar fejn joqogħdu bħalma kien il-każ f'xi lokalitajiet oħrajn. Nies meqjusin bla xogħol kien hemm imniżżlin ukoll: 560 persuna (275 raġel u 285 mara) minn fost l-aħjar klassi ta' nies imsejħa *l-better classes*, u 1358 minn fost il-klassi l-baxxa miktubin bħala *l-lower classes*. Iżda dawn il-figuri jinkludu wkoll il-benestanti, nies bla xogħol u wkoll it-tfal minn ħames snin 'il fuq. Kollox ma' kollox, jidher li l-qagħad ma kienx daqstant rampanti għalkemm figuri eżatti ma nistgħux nikkalkulawhom.

L-aħħar ħaġa li nixtiequ naċċennaw għaliha tikkonċerna t-toroq ta' Ħal Qormi. Fiċ-ċensiment ta' l-1861 insibu l-lista tat-toroq kollha, b'kull triq bin-numru ta' abitanti li kienu qed jgħixu fiha, imqassmin f'irġiel u nisa. Minn dawn l-ismijiet u l-figuri tan-nies nistgħu nibnu stampa ta' sa fejn kien jasal ir-raħal Qormi f'dik is-sena u wkoll xi kemm kienu twal it-toroq dak iż-żmien meta mqabbla mal-lum. Uħud mit-toroq baqgħu bl-istess; oħrajn, bħal, ngħidu aħna, Triq il-Kbira u Triq il-Vitorja, twalu mhux ħażin; oħrajn ma baqgħux fil-limiti ta' Ħal Qormi; xi waħdiet inbidlulhom isimhom, min ftit u min għal kollox; u, naturalment, oħrajn iżjed moderni ma kinux għadhom jeżistu.

## It-Toroq

Barra mill-konfini moderni ta' Ħal Qormi nsibu Triq San Ġużepp fil-Ħamrun (b'144 ruħ), limiti oħrajn li kienu jinkludu Triq Birkirkara (205 persuni), Triq Atocia fil-Ħamrun (196) u Triq il-Belt Valletta (74) li bejniethom kellhom 619-il abitant. It-toroq l-oħrajn, li hawnhekk se niktbuhom bin-numri ta' l-abitanti fil-parentesi kienu: Triq San Ġużepp (85); Triq San Ġorġ u l-isqaq (166); Triq il-Barrakki u l-isqaqien (341); Triq il-Kunċizzjoni (44); Triq Santa Marija (108); Pjazza San Franġisk, imsejħa *Strada Piazzetta* u l-isqaq (222); Triq il-Wied u l-isqaqien (190); Triq San Benedittu (220); Triq il-Mitħna u parti minn Triq San Ġużepp f'Santa Venera (35); Triq il-Kanun (35); Triq Correa u l-isqaq (77); Triq il-Vitorja u l-isqaqien (533); Triq Santu Rokku (3); Triq Dun Bert (16); Triq il-Blata u l-isqaqien (77); Triq San Bastjan (131); Triq Santa Katarina u l-isqaqien (296); Triq San Franġisk u l-isqaqien (165); Triq San Pietru u l-isqaqien (310); Triq San Rafel, imsejħa *Strada Raffaela*, u l-isqaqien (239); Triq Aloisio (126), Triq San Bartilmew (149); Triq Dun Mario u l-isqaqien (223); Triq San Pawl u l-isqaq (112); it-Toroq Pinto u Rossa – imsejħa *Strada Rossa* (651); u Triq il-Kbira, imsejħa *Strada Reale* (820).

B'hekk naraw li Ħal Qormi proprju kien ikopri l-parti l-antika ta' wara l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, Fuq Tal-Blat, Triq il-Kbira sa probabbilment fejn tiltaqa' ma' Triq Correa li s'hawnhekk x'aktarx kienet tasal ukoll Triq San Bastjan, Triq San Bartilmew sa fejn kienet tiltaqa' ma' Triq San Bastjan, u Triq il-Vitorja sa fejn tiltaqa' ma' Triq San Bastjan. Jidher ukoll li r-raħal kien ġmielu espanda, u kien qed ikompli jikber, fid-direzzjoni ġenerali ta' l-istatwa ta' San Bastjan.